**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 652/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Andy Rotin)**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**-Vs-**

**BRIAN ABER**

**Illum, 24 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **BRIAN ABER,** detentur tal-karta tal-identita' 517976M, li ġie akkużat talli bejn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u Lulju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda;

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz ;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000).

8. U aktar talli kellek fil-pussess ta' jew kellek taħt il-kontroll tiegħek xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

9. Ukoll sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

10. Ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza ta' Probation għal tliet snin liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr. L. Lanfranco LL.D. fit-31 ta' Marzu 2023 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel, bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

    Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjali Prosekuturi fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023 jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi, fosthom il-fedina penali tal-imputat;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li ġie imwissi bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara

illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta’ ħtija u sabiex jerga’ jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom, il-konsegwenzi ta’ dikjarazzjoni tal-ħtija u l-piena erogabbli.

Semgħet lill-parti offiża tiddikjara fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2023 illi l-ammont meħud illegalment għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali huwa ta’ €18,508.24 u billi diġa’ saru xi ripagamenti, il-bilanċ li kien dovut sa dakinhar kien fis-somma ta’ €16,358.74;

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw fl-istess seduta tas-26 ta’ Settembru 2023 illi jaqblu illi fis-7 ta’ Settembru 2023 ġie konkluz bejniethom ftehim għar-ripagament tal-ammont kollu (abbozz Dok. X);

Rat illi b’digriet mogħti fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2023, laqgħet it-talba tal-imputat sabiex jitħejja fir-rigward tiegħu, rapport ta’ qabel is-sentenza a tenur tal-artikolu 6(2) tal-Att dwar il-Probation;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Dorian Cornelius fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2024 u rat ir-rapport ta’ qabel is-sentenza ppreżentat minnu (Dok. DC1);

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti u l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom fuq naħa l-waħda l-ammissjoni bikrija tal-ħtija u l-fatt li l-imputat huwa lest iħallas lura l-ammont kollu li rċieva illegalment in linea ta' assistenza soċjali għad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, b'riżultat tar-reati li kkommetta. Tant hu hekk illi mhux biss sal-lum ħallas lura iktar minn elfejn euro iżda intrabat bi ftehim formali konkluż mad-Dipartiment illi jħallas lura l-ammont sħiħ li rċieva illegament permezz ta' pagamenti mensili (Dok. X).

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-falsifikazzjoni tad-dokumenti jew skritturi, ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-artikoli 167, 183 tal-Kap. 9. L-istess jgħodd għall-att konsistenti fl-użu tad-dokument falsifikat: dan jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9 li jinkriminizza l-għoti ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika, kif ukoll ir-reat tal-frodi taħt l-artiolu 308 tal-Kap. 9. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att.

Imbagħad, ir-reati tal-falsifikazzjoni u l-użu ta' dokument falz jew skrittura falza, iservu fl-istess waqt ukoll bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u jsibu riskontru għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Bl-ammissjoni tal-imputat għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, hu ma jistax jinstab ħati wkoll għar-reat tal-frodi innominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9, minkejja li rreġistra ammissjoni ta' ħtija fir-rigward, għaliex dan ir-reat jinstab ħati tagħha min jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel u għalhekk, billi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu dwar ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputat ammetta l-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat jeċċedi s-somma ta' €5,000.

Fil-fatt, il-Qorti ma tistax twarrab il-gravita' tar-reati li qiegħed jinstab ħati dwarhom l-imputat u l-ammont sostanzjali li l-imputat kiseb għad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'riżultat tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati. Ħadet qies ukoll tal-fedina penali oneruża tal-imputat u l-fatt illi l-imputat ammetta li huwa reċidiv u wkoll li kkommetta r-reati addebitati lilu waqt li kien taħt Ordni ta' Probation maħruġa minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. L. Lanfranco f'sentenza mogħtija fil-31 ta' Marzu 2023 kif addebitat fl-imputazzjoni bin-numru 10 fiċ-ċitazzjoni, liema sentenza bl-Ordni ta' Probation tinsab reġistrata fil-fedina penali tal-imputat, esebita fl-atti proċesswali[1].

Id-difiża argomentat illi l-imputat għandu jingħata sanzjoni fil-komunita' u mhux piena karċerarja, kif del resto ġie rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probation fir-rapport ta' qabel is-sentenza, u dan għaliex għandu problemi soċjali kbar kif ukoll huwa marid serjament[2]. Il-Qorti fliet ir-rapport ta' qabel is-sentenza u ma riskontrat ebda aċċenn għal problemi soċjali jew ta' mard serju, għajr għall-insistenza tal-imputat mal-Uffiċjal tal-Probaiton li huwa jbati minn dipressjoni, iżda ma jirriżultax li huwa qatt fittex għajnuna b'mod serju biex jindirizza din il-problema permezz ta' terapija professjonali jew trattament, minkejja illi sostna wkoll li d-dipressjoni qiegħda żżommu milli jaħdem b'impieg.

Hawnhekk il-Qorti tfakkar li l-imputat ammetta l-ħtija, u kwindi għandu jinstab ħati, dwar ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 fejn il-piena applikabbli hi dik taħt l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, ċioe' priġunerija minn sentejn sa disa' snin minħabba li

[1] Paġna 4 sa paġna 9 tal-atti.

[2] Ara wkoll dak li ġie sottomess fir-rikors tal-imputat tat-28 ta' Settembru 2023.

l-ammont tal-qligħ illegali jeċċedi s-somma ta' €5,000. Dan ifisser illi l-Qorti hi prekluża bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2), l-artikolu 11(1) u l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 milli tapplika xi sanzjoni maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation. Għalkemm hu minnu li l-ewwel proviso li hemm mal-artikolu 7(2) tal-istess Att tipprovdi li l-qorti tista' tagħmel Ordni ta' Probation[3] fil-każ ta' reat li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, iżda din is-setgħa hi disponibbli biss f'każ fejn fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi li jkunu jimmeritaw lil-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation jew sanzjoni oħra fil-komunita'.

Fil-każ in diżamina, l-Uffiċjal tal-Probation irrakkomanda li l-imputat jingħata sanzjoni komunitarja taħt l-Att dwar il-Probation għaliex "*għandu bżonn jaħdem fiq is-sitwazzjoni tal-impieg, fejn irid ikun assigurat illi l-għajnuna li qed jieħu tkun b'mod leġittimu* (*sic.*)" u "*... għandu bżonn ikompli jieħu l-għajnuna ta' kif jadatta ruħu llum il-ġurnata li m'għadux f'relazzjoni.*"

Il-Qorti tifhem illi l-imputat jeħtieġ li jingħata għajnuna biex jindirizza b'mod strutturat id-diffikoltajiet finanzjarji tiegħu kif ukoll il-problemi psikoloġiċi li setgħu nibtu mit-terminazzjoni tar-relazzjoni mas-sieħba tiegħu, u li jkun opportun li dan jibqa' jseħħ taħt is-sorveljanza tal-Uffiċjal tal-Probation li diġa' qiegħed isegwih taħt ordni ta' probation. Madankollu, l-imputat ammetta – u għalhekk għandu jiġi dikjarat li huwa ħati - li kkommetta reat kriminali waqt il-perijodu ta' dan l-ordni ta' probation u għalhekk il-Qorti ma tistax tqis il-fatt illi fil-31 ta' Marzu 2023 ġie identifikat il-bżonn li jiġi sorveljat minn uffiċjal tal-probation u forsi jeħtieġ ukoll li jkompli jiġi hekk sorveljat, bħala ċirkostanza li timmerita li tingħata ordni ta' probation f'ċirkostanzi fejn il-liġi bħala regola ġenerali, teskludi l-applikazzjoni ta' sanzjoni komunitarja fil-każ ta' reat li jkun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin. Altrimenti, tkun qiegħa bla dubju taġevola in linea ta' piena lill-ħati li mhux biss ikun ikkommetta reat kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba'

[3] Jew sanzjoni oħra fil-komunita' kif maħsub fl-artikolu 11(1) u l-artikolu 22(1) tal-Kap. 446.

snin, li hija eskluża mill-iskop tal-operat tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, iżda li jkun ukoll ġie dikjarat ħati ta' reat li jkun sar matul il-perijodu ta' probation jew sanzjoni oħra komunitarja taħt il-Kap. 446 li, fil-fehma tal-Qorti, hu fattur aggravanti u mhux mitiganti tal-piena.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi l-iktar piena idoneja hija waħda karċerarja, iżda minħabba li fuq ammissjoni għandu jiġi dikjarat li l-imputat huwa reċidiv taħt u għall-finijiet tal-artikolu 50 tal-Kap. 9, kif ukoll li r-reati li ġie mixli dwarhom saru fil-perijodu ta' probation skont l-Att dwar il-Probation, hija prekluża mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A(7)(a) u (b).  Dawn jipprovdu:-

*(7) Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin –*

...

*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;*

*(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.*

Għaldaqstant, l-imputat għandu jingħata piena karċerarja għad illi fil-minimum possibbli.

Ikkunsidrat;

Illi kif ingħad, l-imputat ammetta l-ħtija li kkommetta r-reati addebitati lilu waqt li kien taħt ordni ta' probation maħruġa minn din il-Qorti diversament preseduta fil-31 ta' Marzu 2023.  Ai termini tal-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation:-

*(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta'probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta'probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista'tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat...*"

Ir-reati li qed jinstab ħati dwarhom l-imputat ingħataw bħala reat kontinwat u fil-fatt, jirriżulta mill-atti u mis-sottomissjonijiet li semgħet il-Qorti illi l-qerq perpetrat mill-imputat għad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali baqa' jitwettaq ripetutament u sistematikament fuq perjiodu ta' żmien u dejjem bl-istess riżoluzzjoni waħda, ċioe' biex l-imputat jagħmel qligħ illegali għad-dannu tal-istess Dipartiment. Madanakollu, il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi l-użu tad-dokumenti foloz u jew l-għoti ta' stqarrijiet foloz jew tagħrif falz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali saru biss inizzjalment, cioe' meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-ħlas tal-benefiċċji għal diżabilita' severa u jew qabel l-imputat effettivament beda jirċieva l-ħlas indebitu tal-benefiċċji soċjali. Minn eżami taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi skont il-Prosekuzzjoni l-benefiċċji soċjali bdew jiġu perċepiti f'Jannar 2019 u fis-snin ta' wara, sa Lulju 2023. Mill-entita' tal-ammont komplessiv li ġie perċepit mill-imputat matul dan il-perijodu ta' żmien, ta' iktar minn €18,000, il-Qorti fehmet illi r-reati dwar l-użu tad-dokument jew dokumenti falsifikati u l-għoti ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, indubbjament twettqu qabel il-31 ta' Marzu 2023 meta inħareġ fil-konfront tiegħu l-ordni tal-Probation bis-saħħa tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta. Il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt illi għalkemm hu minnu illi l-imputat baqa' jirċievi l-benefiċċji soċjali ossia l-frott tar-reati minnu kommessi, anke wara l-31 ta' Marzu 2023 u b'hekk il-qerq baqa' jiġi perpetrat b'kull ħlas perċepit minnu abbażi tal-użu inizzjali ta' dokumenti foloz jew iffalsifikati, l-egħmil li skaturixxa dan il-qligħ illegali, seħħ ferm qabel inħareġ l-Ordni tal-Probation. Għalhekk filwaqt li għandu jinstab ħati li kkommetta reat matul il-perijodu ta' probation, il-Qorti mhux sejra tittratta lill-imputat għar-reati li dwarhom

saret l-ordni ta' probation fil-31 ta' Marzu 2023 bħallikieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati, a tenur tal-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation.

Fil-fatt, jirriżulta li l-Uffiċjal tal-Probation ilu jsegwi lill-imputat sa minn Marzu 2023 meta inħareġ fir-rigward tiegħu ordni ta' probation b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Marzu 2023, u kkonferma illi l-imputat dejjem attenda għall-appuntamenti mogħtija lilu u kko-opera miegħu fis-sessjonijiet li jinżammu fejn dawn ikunu ffukati fuq kif għandu jkompli ħajtu b'mod normali mingħajr is-sieħba tiegħu wara li din ir-relazzjoni spiċċat u nstab ħati li kkaġuna fastidju u offiżi ta' natura ħafifa lill-imsemmija eks-sieħba tiegħu.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) għaliex hija alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sitta (6) u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 49, 50, 167, 169, 183, 184, 185, 188, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil BRIAN ABER ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah sentejn priġunerija.**

**Għall-fini tal-imputazzjoni bin-numru għaxra, u wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hijiex sejra titratta lill-ħati għar-reati li dwarhom saret l-ordni ta' probation fil-31 ta' Marzu 2023.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil BRIAN ABER iħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali il-bilanċ mis-somma ta' tmintax-il elef ħames mija u tmien euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€18,508.24) rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Dipartiment b'riżultat tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħtija, bin-nifs u skont kif diġa' stipolat fil-ftehim konkluż bejn il-ħati u d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fis-7 ta' Settembru 2023 għar-ripagament tal-ammont.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**